# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 370/2023 JPG**
**Kawza nru.: 22**

**MB**
**Vs**
**RB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta` MB datat 30 ta' Gunju 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*ILLI l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta` Settembru tas-sena elf disa mija u ħamsa u tmenin (1985) u dan min kif jidher mill-Att taż-żwieġ maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta` Malta li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata "**Dok A**", liema żwieġ tagħhom ġie reġistrat fl-istess Registru Pubbliku ta` Malta kif ampjament jidher fl-anness;*

*ILLI minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm wild wieħed bl-isem ta` DB li kif jidher mill-ewwel paragrafu ta` paġna 2 tal-kuntratt ta` separazzjoni personali hawn anness u markat "**Dok B**", anke fil-mument tal-kuntratt ta` separazzjoni personali tali wild kienet diġa` maġġorenni u allura ma hemmx obbligazzjonijiet ta` manteniment, aċċess u obbligazzjonijiet oħra x'jiġu regolati bejn il-partijiet;*

*ILLI l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat seba (7) ta` Mejju tas-sena elfejn u ħmistax` (2015) redatt minn Nutar Dr Sylvana Borġ Caruana li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata "***Dok B***";*

*ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar min tminn (8) snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*ILLI fl-imsemmi kuntratt ta` separazzjoni, senjatament fl-ewwel (1) artikolu ta` paġna 3, il-partijiet iddekadew mid-dritt reċiproku għall-manteniment mingħand xulxin u dan għal raġunijiet gravi u validi fil-liġi;*

*ILLI ir-rikorrenta umilment jidhrilha li dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Il-Mara tirreverti għal kunjom xbubitha u cioe` B;*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ppresentat ebda risposta izda ppresenta l-affidavit tieghu (vide fol 26);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 27) illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta Settembru 1985 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum maggorenni. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana datat nhar 7 ta' Mejju 2015. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehdet** (vide affidavit fol 26) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Settembru 1985 liema zwieg jgib certifikat numru 1734/1985 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 9). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali,

ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana is-7 ta' Mejju 2015 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1734/1985 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Inoltre, tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'B' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**